MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 147/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Pace talli fil-31 ta' Ottubru, 2001, u fix-xhur ta' qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, qala l-pjanci u n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura Opel Corsa PAC321 u appropriha ruhu mic-cwievet ta' din il-vettura li kienet fil-pussess ta' Mary Pace;

Rat is-sentenza tal-qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Gunju 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Angelo Pace hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahar prigunerija sospiza ghal sena b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9;

ordnat ukoll lill-hati sabiex fi zmien jumejn jirritorna c-cwievet tal-karozza msemmija fl-imputazzjoni u l-pjanci tal-istess karozza taht multa ta' Lm2 kulljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Angelo Pace, minnu ppresentat fl-14 ta' Gunju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Settembru, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant qed jikkontendi li huwa ma kellux jinstab hati tar-reat li tieghu effettivament instab hati, cioe` r-reat ta' *ragion fattasi* (Art. 85 tal-Kap. 9), ghax, skond hu, kien jonqos l-element formali rikjest skond il-ligi. Dana l-element jikkonsisti filli l-agent ikun ghamel dak li ghamel bil-hsieb *"…biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu"* (ara, fost diversi sentenzi ta' din il-Qorti, ***Il-Pulizija v. Mario Lungaro***, 15 ta' Novembru, 1996). Din is-sottomissjoni jidher li saret ukoll quddiem l-ewwel qorti izda giet sommarjament skratat minn dik il-qorti bis-segwenti bran:

*"L-imputat qieghed jirritjeni illi ma jistax jinstab hati ta' tali akkuza ghaliex kien jaf li dak li kien qed jaghmel kien illegali. Bir-rispett kollu dan jikkostitwixxi biss sofizmu li mhu ser jipperswadi ebda Qorti u hija skuza fieragh biex tigi skansata il-punizzjoni skond il-ligi."*

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, hawn non si tratta ta' sofizmu izda ta' element essenzjali biex jigi radikat ir-reat *de quo* u, fl-ahhar mill-ahhar, ta' l-applikazzjoni tal-ligi. Il-prosekuzzjoni kellha tipprova, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li dak li ghamel l-appellant (allura imputat) – cioe` li jiehu c-cwievet tal-vettura li kienet issuq il-mara tieghu, kif ukoll il-pjanci ta' l-istess vettura – ghamlu biss biex jezercita jedd li hu kien jippretendi li ghandu fuq dawk ic-cwievet u pjanci[1], u mhux biex jaghmel xi hsara lill-istess martu (hi x'inhi l-klassifikazzjoni

[1] Fi kliem Crivellari, irid ikun hemm fl-agent *"la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"*, **Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc.** Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749.

legali li fiha tinkwadra dik il-hsara, bhal, per ezempju, serq, hsara materjali fil-proprjeta` (Art. 325), vjolazzjoni tal-proprjeta` (Art. 340(d))). Hu immaterjali f'dan ir-rigward li l-Artikolu 331 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li, salv ghal certi eccezzjonijiet, ir-regola hi li ma hemmx azzjoni kriminali ghal reati kontra hwejjeg tar-ragel jew tal-mara. Issa, anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, wiehed kellu ma jemminx lill-appellant meta dana xehed fit-18 ta' April, 2002, quddiem il-Qorti Inferjuri (fejn qal li dak li ghamel ghamlu bhala tpattija lil martu talli kienet naqsitlu c-cavetta li hu kien izomm fil-kexxun tieghu, u li hu kien jaf li ma setax jiehu c-cwievet ta' martu u l-pjanci tal-istess vettura), mill-provi li ressqet l-istess prosekuzzjoni jidher car li dak li ghamel l-appellant ma ghamlux ghax hu kien jemmen li kellu xi dritt jaghmel hekk, izda semplicement biex jivvessa lil martu. Hekk, per ezempju, mart l-appellant xehdet li zewgha kien qalilha li hu kien qala' l-pjanci tal-karozza biex hi ma tkunx tista' tuza dik il-karozza (ghalkemm din kienet il-karozza li hi kienet regolarment tuza, u zewgha kellu vettura jew vetturi ohra a disposizzjoni tieghu) (ara fol. 4 tal-atti). It-tifla ta' l-appellant, Maria Pace, xehdet li, wara li missierha ha l-pjanci, huwa qal il-kliem (evidentement b'referenza ghal martu) *"daqshekk uzatha l-karozza"* u *"issa tara tistax issuqha minghajr il-pjanci"*[2]. Il-provi juru attitudini ta' vendikazzjoni da parti ta' l-appellant versu martu; u d-deposizzjoni tieghu tat-18 ta' April, 2002 turi arroganza u prepotenza kbira (kif del resto tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha). Izda din il-Qorti hi marbuta bit-termini ta' l-imputazzjoni u bil-parametri tal-ligi; l-imputazzjoni hi wahda u tipotizza biss u esklussivament ir-reat ta' *ragion fattasi*, u ebda reat iehor (jekk kien hemm reat iehor li kien applikabbli ghall-kaz). Din il-Qorti tista' biss tiddeciedi fuq dak li ghandha quddiemha bhala imputazzjoni, bhala provi u bhala ragunijiet ta' l-appell; u ghalhekk fic-cirkostanzi ma tistax hlief takkolji l-istess appell.

[2] Il-kliem li l-appellant allegatament qal lit-tifel, Owen Pace, u cioe` *"Jien hadtilha c-cavetta biex forsi nbieghha u ndahhal xi haga taghha"* ftit li xejn jghinu t-tezi tal-prosekuzzjoni; biex ibiegh il-vettura ta' martu u li kienet parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti (ara d-deposizzjoni tal-mara, fol. 8) hu evidenti li l-appellant la kellu ghalfejn johdilha c-cwievet u wisq anqas il-pjanci tal-vettura.

Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija w piena.

Aldo Testone
Asst. Registratur